**29 ta' Marzu, 1962.**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. J. Caruana Colombo, B.Litt., LL.D.**

George Borg et.

*versus*

Onor. Emmanuele Tabone ne. et.

**Atti "Jure Imperii" u Atti "Jure Gestionis" — Ġurisdizzjoni — "Stevedores and Port Labourers Ordinance — Kap. 158 tal-Liġijiet ta' Malta — Notifikazzjoni tal-Gvern no. 131 tal-1950.**

*Il-materja tal-kondizzjonijiet tax-xogħol tal-istivaturi u tal-ħaddiema tax-xatt hija regolata minn liġi appożita ("Stevedores and Port Labourers Ordinance"); u sakemm id-Direttur tal-Emigrazzjoni, Xogħol u Għajnuna Soċjali jagħmel attijiet dwar dawk il-kondizzjonijiet li huwa nvestit mill-liġi li jagħmilhom, u jagħmilhom fil-forma li trid l-istess liġi, dawk l-attijiet minnu kompjuti ma humiex sindakabbli mill-Qrati.*

*Għax hija ormaj antika u ta' applikazzjoni kontinwa d-distinzjoni ta' żewġ personalitajiet fil-Gvern, ċjoè waħda politika, għall-attijiet li jeżegwixxi "jure imperii" fl-eżerċizzju tas-sovranità, u l-oħra ġuridika, għall-attijiet li jeżegwixxi "jure gestionis" fl-eżerċizzju ta' funzjonijiet patrimonjali u ekonomiċi, tant għall-aħjar kommodu taċ-ċittadini kemm għall-lukru. Kwantu għall-ewwel attijiet, "jure imperii", il-Gvern mhuwiex sindakabbli mill-Qrati, u dawn ma jistgħux jiddiskutu l-opportunità jew il-ġustizzja ta' provve-*

*dimenti amministrattivi tal-Gvern, jekk l-Awtorità kienet kompetenti li tieħu l-provvediment li ħadet, u jekk dan il-provvediment ġie meħud fil-forom li jmiss; kwantu għall-attijiet "jure gestionis", il-Gvern "tamquam privatus egisse censetur", u huwa sottopost għall-liġi u għall-ġurisdizzjoni ċivili jew kummerċjali, skond in-natura tal-att li jeżegwixxi.*

Il-Qorti:—Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-atturi, wara li jippremettu illi l-konvenuti nomine qegħdin jippermettu lil xi persuni estranei li fil-port jagħmlu xogħol ta' "trimmers", u dan mingħajr il-liċenza rikjesta mill-liġi u mingħajr ma jiffurmaw parti mill-grupp ta' sebgħa u għoxrin "trimmers", ċjoè l-atturi, miftiehem bejn il-"Port Work Joint Council" u r-rappreżentanti tal-atturi waqt is-seduta tal-ewwel ta' Mejju 1950; jitolbu illi, wara li tiġi mogħtija kull dikjarazzjoni neċessarja u meħud kwalunkwe provvediment opportun, il-konvenuti jiġu minn din il-Qorti kundannati biex iwaqqfu immedjatament mix-xogħol ta' "trimmers" lil dawk il-persuni kollha li, a differenza tal-instanti, ma jippossjedux il-liċenza speċifika u relattiva għal dan ix-xogħol partikulari u jew li huma oltre l-grupp ta' sebgħa u għoxrin "trimmers" deċiż u miftiehem fis-seduta tal-Port Work Joint Council" tal-ewwel ta' Mejju 1960. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-protesti tat-8 ta' Ottubru 1957 u tas-7 ta' Novembru 1957, kontra l-konvenuti; u b'riżerva ta' kull azzjoni ta' danni;

*Omissis:*

Ikkunsidrat;

Illi qabel xejn, kif tajjeb jeċċepixxu l-konvenuti, id-deżinjazzjoni tal-konvenut Onorevoli Tabone, skond in-Notifikazzjoni tal-Gvern nru. 669 tat-3 ta' Frar 1955, għandha tkun "Ministru tal-Emigrazzjoni, Xogħol u Għajnuna Soċjali"; kwindi din il-Qorti tordna l-korrezzjoni f'dan is-sens fiċ-ċitazzjoni u kull fejn jirrikorri, a spejjeż tal-atturi;

Illi l-konvenuti jobbjettaw il-mankanza ta' ġurisdizzjoni ta' din il-Qorti biex tieħu konjizzjoni tal-meritu tal-kawża. Huma jispjegaw din l-obbjezzjoni fis-sens li l-Ordinanza dwar l-Istivaturi u Ħaddiema tal-Port (Kap. 158 LL. ta'

Malta), u r-Regolamenti li saru bis-saħħa tagħha, jippreskrivu li ħadd ma jaħdem fix-xogħol tal-port jekk ma jkunx qabel reġistrat bħala "port worker", li minn din ir-reġistrazzjoni jiddependi d-dritt ta' individwu li jaħdem fil-port, u għalhekk hija att purament eżekuttiv; li din ir-reġistrazzjoni fiha nnfisha tiddependi mid-diskrezzjoni assoluta tad-Direttur tal-Emigrazzjoni, Xogħol u Għajnuna Soċjali; u li l-Qorti ma għandhiex ġurisdizzjoni tinvestiga jew tiċċensura l-espedjenza l-utilità jew ir-raġunijiet li jkunu taw lok għall-att hekk magħmul. L-atturi jissottomettu illi l-pretensjoni tagħhom hija li d-Direttur tax-Xogħol ma kellux poter in jieħu l-passi li ħa dwar ix-xogħol tat-"trimmers"; u li l-Qorti biss tista' tiddikjara jekk dak il-poter kienx jeżisti jew le;

Illi, rigward din il-preġudizzjali, hija ormaj antika u ta' applikazzjoni kontinwa d-distinzjoni ta' żewġ personalitajiet fil-Gvern, ċjoè waħda politika, għall-attijiet li jeżegwixxi "jure imperii" fl-eżerċizzju tas-sovranità, u l-oħra ġuridika, għall-attijiet li jeżegwixxi "jure gestionis" fl-eżerċizzju ta' funzjonijiet patrimonjali u ekonomiċi, tant għall-aħjar kommodu taċ-ċittadini kemm għal-lukru;

Kwantu għall-attijiet "jure imperii", il-Gvern mhuwiex sindakabbli mill-Qrati, u dawn ma jistgħux jiddiskutu l-opportunità jew il-ġustizzja ta' provvedimenti amministrattivi tal-Gvern, jekk l-Awtorità kienet kompetenti li tieħu l-provvediment impunjat, u jekk dan il-provvediment ġie meħud fil-forom li jmiss. Kwantu għall-attijiet "jure gestionis", il-Gvern "tamquam privatus egisse censetur", u huwa sottopost għal-liġi u għall-ġurisdizzjoni ċivili jew kummerċjali, skond in-natura tal-att li jeżegwixxi;

Mill-premess jevinċi li din il-Qorti għandha ġurisdizzjoni li tieħu konjizzjoni ta' din il-kawża. Infatti, l-atturi jibbażaw id-domanda tagħhom dedotta fiċ-ċitazzjoni fuq il-pretensjoni, spjegata fid-dikjarazzjoni, li l-konvenuti "di propria iniziativa", u kontra l-liġi, qegħdin jippermettu lil xi persuni jagħmlu xogħol ta' "trimmers"; ċjoè il-pretensjoni tal-atturi hija li l-konvenuti ma kellhomx il-poter jagħmlu dak l-att. Kwindi, anki jekk l-att tal-konvenuti, kif dawn jallegaw, huwa att purament eżekuttiv, jibqa'

dejjem li tista', u għandha in segwitu għas-sens kif imfisser mill-atturi, issir l-indaġini jekk il-konvenuti kienux investiti legalment mill-poter li jeżegwixxu dak l-att; u f'każ affermattiv, jekk dan il-poter ġiex mill-konvenuti eżegwit bil-forom li trid il-liġi — kwistjoni, din, li mid-deċiżjoni tagħha jista', anzi għandu, jiddependi l-eżitu ta' din il-kawża;

Ill l-materja in kwistjoni hija regolata mill-Ordinanza dwar l-Istivaturi u l-Ħaddiema tal-Port (Kap. 158 tal-Liġijiet ta' Malta), kif emendata bl-Ordinanza nru. 39 tal-1949, u bir-Regolamenti tal-1950 dwar in-nies li jaħdmu fil-port maħruġa mill-Eċċellenza Tiegħu l-Gvernatur bin-Notifikazzjoni tal-Gvern numru 131 tat-18 ta' Marzu 1950 in forza tal-poteri lilu mogħtija bl-art. 5 tal-Ordinanza msemmija — regolamenti li, sa meta ġiet preżentata ċ-ċitazzjoni, ġew emendati bil-Government Notices no. 652 tal-24 ta' Novembru 1950, no. 269 tat-8 ta' Mejju 1953, no. 554 tad-9 ta' Ottubru 1953, no. 266 tat-30 ta' April 1956, no. 612 tas-6 ta' Ottubru 1956, u no. 155 tal-5 ta' Marzu 1957. Skond ir-regolament numru 7 tal-imsemmijin Regolamenti ġie stabbilit li għandu jitwaqqaf "Port Work Joint Council" magħmul minn President maħtur mill-Ministru . . . . li dan il-Kunsill għandu jkollu s-setgħa . . . . . li jiddeċidi l-kondizzjonijiet tal-impjeg tan-nies li jaħdmu fil-port, u, min jeddu jew fuq talba tal-Ministru, jagħti parir lill-Ministru fuq kull ħaġa li tolqot ix-xogħol fil-port; illi d-deċiżjoni tal-kondizzjonijiet tal-impjeg mill-Kunsill għandha ssir bi ftehim bejn in-naħa ta' min iħaddem u n-naħa tal-ħaddiema . . . . . li l-kondizzjonijiet ta' mpjieg, deċiżi kif ingħad għandhom jitressqu lill-Ministru u meta jkunu approvati minnu jorbtu lil dawk kollha li jħaddmu nies li jaħdmu fil-port u lin-nies li jaħdmu fil-port, mid-data tal-approvazzjoni jew minn dik id-data li tista' tkun deċiża mill-Ministru . . . . . . ;

Illi mill-provi jirriżulta dan li ġej. Il-Kunsill imsemmi, fis-seduta tal-ewwel ta' Mejju 1950, b'intiża tal-persuni nteressati, iddetermina n-numru ta' stivaturi, "lightermen", u ħaddiema tal-port, li kellhom jiġu rreġistrati skond il-liġi; u ddeċieda wkoll li n-numru tat-"trimmers", kompriżi sitta riservisti, kellu jkun ta' 27 f'disgħa gangs ta' tlieta minn nies kull gang. Fis-seduta tat-30 ta' Jannar 1952 ġie deċiż

mill-Kunsill li n-numru tat-"trimmers" regolari kellu jkun 24 u 4 riservisti, u li l-vakanzi fin-numru tat-"trimmers" regolari jintlew b'ulied it-"trimmers" li jkunu taw lok għall-vakanza; u fejn ma jkunx hemm ulied, mill-erbgħa "trimmers" riservisti. Fis-seduta tal-14 ta' Marzu 1952 tressqet talba quddiem il-Kunsill għaż-żieda fir-rati tat-tariffi tal-port. Billi ma ntlaħaqx ftehim bejn l-"employers" u l-"employees' side", fit-termini tar-regolament numru 7 tar-Regolamenti ġa msemmija, ġie nominat il-President tal-Kunsill bħala arbitru biex jagħti d-deċiżjoni tiegħu, b'dawn it-"terms of reference":— "In what manner and by how much should the earnings of port workers be revised, taking account of changes in circumstances since the tariffs were last revised in 1949"; u "expanding on the above terms of reference, to take account of other factors (besides tariffs) which affected earnings of port workers, and to decide thereon". Fl-24 ta' Marzu 1954 iċ-Chairman ta' l-"award" tiegħu, li bih iddeċieda, fost ħwejjeġ oħra, li "all trimming of bulk cargo shall be performed by lightermen; present trimmers (including reserves) shall be absored into the lightermen's section, unless any of them who are port labourers or bulk cargo stevedores opt not to do so. The question of the management of the lightermen's section as enlarged is to be decided by the workers' side of the Council as laid down by the Port Workers Regulations 1950 . . . . . . . " Dawn l-emendi ġew trasmessi lill-Ministru, li approvahom b'minuta numru 27 tal-11 ta' Lulju 1952, b'ċerti riżervi, fosthom li "the decision regarding lightermen will not come into effect pending further consideration; as to the decision regarding trimming and trimmers, it is left to the workers' side of the Port Work Joint Council to decide how the work is to be allocated amongst lightermen in accordance with such roster system as may be considered expedient, subject to such directives as the Port Work Joint Council may hereafter give. The method of integrating the

trimmers (and reserve trimmers), who are either port labourers or bulk cargo stevedores, into the enlarged lightermen's section is left to be decided upon by the workers' side of the Port Work Joint Council". Din l-"amalgamation" tat-"trimmers" mal-"lightermen" baqgħet ma ġietx attwata; għaliex il-Workers' Side tal-Port Work Joint Council ma ċċaqalqux; u l-kwistjoni baqgħet pendenti sas-sena 1957, kif sejjer jingħad;

Illi bin-Notifikazzjoni tal-Gvern nru. 554 tad-9 ta' Ottubru 1953 ir-regolament no. 7 tar-regolamenti msemmijin ġie emendat u ġie stabbilit li l-Kunsill ikollu l-poter, fost oħrajn, li jiddeċidi l-kondizzjonijiet tal-impjeg tan-nies li jaħdmu fil-port, kompriżi l-kondizzjonijiet li taħthom innies li jaħdmu fil-port jistgħu jiġu trasferiti minn sezzjoni għal oħra u, minn rajħ jew b'talba tal-Ministru, jagħti parir lill-Ministru fuq kull kwistjoni li tolqot ix-xogħol talport. Kif ingħad aktar il-fuq, il-kwistjoni rigward l-"amalgamation" tat-"trimmers" mal-"lightermen" baqgħet pendenti sas-sena 1957. F'din is-sena saru xi applikazzjonijiet mil-"lightermen" biex jieħdu xogħol ta' "trimming", u l-Port Workers' Board informa lill-applikanti li setgħu jaħdmu bħala "trimmers", in vista tal-"award" li kien ġie mogħti. Wara dawn kien hemm applikazzjonijiet oħra mill-"lightermen", u l-istess, dawn ġew infurmati li kienu jistgħu jaħdmu ta' "trimmers". Allura, il-"Port Workers' Side", permezz tal-General Workers' Union, għamlu seduta, u fformulaw regolamenti għal dawn it-"trimmers" (Regulations regarding Trimmers, fol. 25). In segwitu, talbu lid-Direttur biex jagħmel seduta tal-Port Work Joint Council biex jiddiskutihom. Is-seduta saret fil-31 ta' Ottubru 1957, fejn dawk ir-regolamenti ġew approvati. L-istess regolamenti ġew ukoll approvati mill-Ministru, kif jidher mill-minuti uffiċjali (dok. V, fol. 141); u x-xogħol baqa' jinħadem skond l-istess regolamenti;

Illi mill-premess jirriżulta soddisfaċentement li l-konvenuti kienu legalment investiti mill-poter li jagħmlu l-att indikat mill-atturi fiċ-ċitazzjoni, u li dak l-att tal-konvenuti għamluh fil-forom li trid il-liġi. L-atturi evidentement sfuġġielhom li r-Regolamenti tal-1950 sa meta ġiet preżentata

ċ-ċitazzjoni ma baqgħux bħal ma kienu, u li kienu ġew diversi drabi emendati, kif il-fuq issemma';

Illi, b'konsegwenza tal-konklużjoni li ġiet għaliha l-Qorti, ma hemmx lok li jiġu eżaminati u deċiżi l-eċċezzjonijiet l-oħra *tal-konvenuti*; anki għaliex x'uħud *minnhom* ġew minnhom rinunzjati;

Għal dawn il-motivi;

Tiddeċidi billi, wara li tirrespinġi l-preġudizzjali ġa msemmija sollevata mill-konvenuti, bl-ispejjeż kontra tagħhom, tirrespinġi d-domanda tal-atturi, bl-ispejjeż.